# *Il-mitt sena tal-pjanta tal-knisja Ta' Pinu*

– 1919 – 17 ta' April – 2019 –

## *minn Toni Calleja*



**Introduzzjoni**

Dwar il-bini tal-Knisja Ta' Pinu nkiteb patafjun sħiħ, biss hemm punti oħra, ferm importanti, li qajla kienu ttrattati s'issa. Ir-riferenza hija għal pereżempju: *i)* il-komplikazzjonijiet li nqalgħu sakemm setgħet tinbena l-knisja, fosthom il-kawża ġudizzjarja: "Il Marchese Francesco Saverio De Piro (1824-1894) *vs* Mons. Gio Maria Camilleri, *Vescovo del Gozo* (1889-1924), *ed altri*, deċiża favur l-Isqof, mill-Maġistrat Dr Pawlu Cremona fit-30 ta' Awwissu 1890, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu 1891; *ii)* il-kwistjoni li nqalgħet bejn il-Kumitat *ad hoc* maħtur mill-Isqof Gio Maria Camilleri biex jieħu ħsieb il-bini tal-Knisja Ta' Pinu, u l-Perit Edwin A. Vassallo, dwar ħlasijiet professjonali dovuti lilu għall-esekuzzjoni tal-pjanta; u *iii)* l-epoka storika taż-żmien li fih inbniet il-knisja, jiġifieri bejn l-1919 u l-1936; żmien turbolenti ħafna: soċjalment, u f'dak li hu atteġġjament politiku-reliġjuż, li lkoll, min ftit u min wisq, ħallew l-effetti tagħhom fuq il-proġett. Dwar dawn il-punti kollha hemm storja kulurita ħafna, imma għal din id-darba, fl-okkażjoni tal-mitt sena tal-pjanta, ser nittrattaw biss din il-materja mid-diversi aspetti tagħha.

**Il-pjanta tal-knisja Ta' Pinu: x'inkiteb dwarha**

L-ewwel aċċenn għall-pjanta tal-knisja Ta' Pinu nsibuh f'*Id-Devot ta' Maria* ta' April 1919, fejn id-Direttur, Dun Anton Vella (1871-1940), jgħidilna li: "l-pjanta biex fuqha tinbena l-knisja Ta' Pinu tinsab lesta għal kollox. Bir-raġun ġiet imfaħħra minn dawk kollha li rawha, għaliex hija pjanta oriġinali maħduma bl-akbar sengħa mill-wisq magħruf perit is-Sur Edwin Vassallo dak li fi żmien il-Kungress ħareġ tant bl-unur".[1] Hawnhekk għandna anomalija, għax l-editur kien qed jirriferi għal żewġ persuni differenti. Il-pjanta veru li kienet tgħajjat lill-Perit Edwin Vassallo, imma mbagħad ir-riferenza: "*dak li fi żmien il-Kungress* [Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913] *ħareġ tant bl-unur*", hija għall-Perit Andrè Vassallo, missier Edwin. Fl-1913, Edwin kien fadallu sena biex jiggradwa ta' perit mill-Università Rjali ta' Malta! F'*Id-Devot* ta' Mejju 1919, l-editur itenni u jikkonferma li: "l-pjanta, kif għedna fin-numru ta' qabel, maħduma bl-akbar sengħa mill-imfaħħar perit is-Sur Edwin Vassallo ma fiha xejn x'wieħed jimmanka u kulħadd faħħarha".[2]

Dan li *prima facie* jidher bħala xi żball tal-editur ta' *Id-Devot*, x'aktarx li ma kien żball xejn! Billi l-Perit Andrè Vassallo kien jaħdem mal-Gvern, hu ma satax jissemma b'rabta ma' xogħol privat. L-editur innifsu kien ukoll impjegat fis-Servizz Pubbliku, u naturalment kien konxju mill-impożizzjoni tal-*one man one job* li kien hemm fiċ-Ċivil u li jekk tinkiser, l-individwi kien jitressaq quddiem Board ta' Dixxiplina, speċi l-PSC tal-lum. Allura biex ikun semmieh xorta waħda, aċċenna għalih biss bħala: "*dak li fi żmien il-Kungress ħareġ tant bl-unur*"; u '*dak*', kulħadd kien jaf min hu. Aħna naħsbu li din il-biċċa diplomazija fina, jew għerf, sejħilha li trid, hija l-ħjiel li ssolvi r-rebus dwar min verament kien il-perit tal-knisja Ta' Pinu. Waqt li d-dokumenti uffiċjali jindikaw li l-perit tal-knisja kien Edwin Vassallo, fil-memorja kollettiva tal-kotra, il-perit Ta' Pinu, kien biss missieru, Andrè Vassallo. U ma niskantawx ... il-Perit Edwin inzerta kien membru attiv f'partit politiku li l-imsieħba tiegħu kien kontinwament imgħajra bħala anti-klerikali, Bolxevisti u Mażuni. F'Malta *Cattolicissima*, b'titli dispreġġjattivi bħal dawn marbuta miegħek, min ser ikollu kuraġġ jassoċja ismek ma' maqdes tal-importanza tal-Knisja Ta' Pinu!






Intant, fil-każ tal-editur ta' *Id-Devot*, Dun Anton Vella ma kienx sempliċi kronista kwalunkwe qed jirrapporta okkorrenza; dwar Ta' Pinu hu kien awtorità. Kif naqrw fl-ewwel numru ta' dan il-'Qari', dak ta' Diċembru 1887, il-fini li għalih twaqqaf *Id-Devot* kien li jippromwovi dawk l-avvenimenti kollha marbuta ma' Ta' Pinu. Għalhekk kliemu kien fih ħafna piż għax kien ikun qed jitkellem minn ras il-għajn. Fil-ħarġa ta' April 1919, Dun Anton faħħar ħafna kemm lill-Perit Edwin, kif ukoll lill-Perit Andrè, għalkemm b'mod indirett. Il-fatt li lill-Perit Edwin raġa' faħħru espressament ukoll fil-ħarġa ta' Mejju, jindika li l-aċċenn għalih fix-xahar ta' qabel ma kienx bi żball kif forsi jista' jieħu l-impressjoni xiħadd, għax kieku żgur li kienu jiġbdulu l-attenzjoni, u kien jagħmel korrezzjoni! Għandna sensazzjoni, li meta kiteb hekk, Dun Anton Vella ried ifisser li l-pjanta tal-knisja Ta' Pinu kienet opra tagħhom it-tnejn flimkien. Mal-prosegwiment ta' din il-kitba nkomplu nfissru ruħna aktar.

Fl-1934, f'*Il-Berqa*, il-kronista u ġurnalist ewlieni Għawdxi, is-Sur Koli Apap (1921-1989), jgħid li: "Il-pjanti tagħha saru mill-Perit Edwin P. Vassallo fis-sena 1919, u kien huwa wkoll li mexxa x-xogħol tal-pedamenti tagħha sal-qatran u sa ftit aktar il-fuq".[3] F'pubblikazzjoni uffiċjali tal-1935, intitulata *Storja tal-Madonna Ta' Pinu bl-Innu Tagħha*, maħruġa fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna mill-Kardinal Lepicier, l-editur, Dun Pawl Cauchi (*ta' Savina*: 1896-1980), wieħed mill-aħjar kittieba Għawdxin ta' żmienu, jgħid espressament: "Santwarju ġdid, mibni fuq il-pjanta tal-perit Malti Edwin Vassallo".[4]

L-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi, jgħid li: "Għall-knisja, intgħażlet il-pjanta tal-Perit Andrè Vassallo magħmula fuq stil lombardo-romanesk. Peress li Andrè Vassallo kien imsemmi bħala l-aqwa arkitett Malti ta' dak iż-żmien, il-bini tal-knisja Ta' Pinu ġie afdat lilu".[5] Victor Vella Muscat (1935-2009) jgħid li: "Il-Perit Vassallo fassal pjanta li tixbah ħafna lil dik tal-knisja ta' *San Camillo de Lellis agli Orti Sallustiani* li tinsab f'*Via Sallustiana*, kantuniera ma' *Via Piemonte*, fil-parti nord-orjentali taċ-ċentru storiku ta' Ruma".[6] B'kontrast ma' dan, Mario Buhagiar (1945-...), storiku tal-arti, rinomat ħafna, jgħid li: "The last notable [Romantic] architect was Andrea Vassallo whose Romanesque Ta' Pinu in Gozo was based on the cathedral of the Sacred Heart in Tripoli and is a masterly creation in stone".[7]

Minn dawn il-kwotazzjonijiet li għadna kemm ipproduċejna jidher ċar li fir-rigward tal-pjanta tal-knisja Ta' Pinu, il-kontemporanji li kitbu qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945), ilkoll jgħidu li hi tal-Perit Edwin Vassallo, bin Andrè. B'kuntrast, dawk li kitbu wara l-gwerra, u ma jiftakrux personalment, kollha jgħidu li hi tal-Perit Andrè Vassallo! Xi ħaġa oħra li narawha pjuttost kurjuża huwa l-fatt li fl-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja, nhar it-13 ta' Diċembru 1931, ir-Rettur Dun Ġużepp Portelli, il-*factotum* tal-proġett kollu, fid-diskors uffiċjali tal-okkażjoni, ma jagħmel l-ebda aċċenn għall-perit u la b'ismu u lanqas b'kunjomu! Kieku jaħasra konna nkunu nistgħu nitkellmu aħjar.

Intant, il-Perit Leonard Mahoney (1928-1993), awtorità dwar is-suġġett, f'artiklu dwar il-Perit Andrè Vassallo, jgħid li billi hu kien impjegat fis-Servizz Pubbliku u ma kienx permess jagħmel xogħol privat, ġieli ressaq proġetti tiegħu f'isem periti oħra. Bħala eżempju jsemmi l-koppla tal-Knisja ta' San Nikola tas-Siġġiewi; il-Knisja ta' Santa Marija tal-Ħerba, f'Birkirkara, u l-koppla tal-Knisja ta' San Gejtanu tal-Ħamrun, li lkoll għaddihom fuq isem ibnu Edwin".[8]

**Il-pjanta tal-knisja Ta' Pinu: x'jgħidu d-dokumenti**

Il-pjanta uffiċjali tal-Knisja Ta' Pinu, u l-applikazzjoni għall-permess huma ffirmati mill-Perit Edwin A[lberto] Vassallo,[9] li kellu l-Uffiċċju f'nru 108, *Strada Santa Lucija*, il-Belt, Valletta. It-tali pjanta u l-applikazzjoni ta' magħha, datati 17 ta' April 1919, huma kkonservati fl-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex fis-Sezzjoni M[edical] & H[ealth], Vol. 01/33 [1917-1919]. L-applikazzjoni li ġġib in-numru 24/1919 waslet id-Dipartiment konċernat u kienet ittimbrata bid-data tas-26 ta' April 1919. Finalment kienet approvata skont in-norma preskritta, fit-23 ta' Mejju 1919. Il-fatt li l-Perit Edwin A. Vassallo kien il-firmatarju tal-pjanta u l-applikazzjoni, għal kull fini valida tal-Liġi Ċivili u Kriminali, irrendewh bħala l-persuna ewlenija responsabbli mill-proġett kollu tal-knisja l-ġdida.



Nassumi li l-Perit Andrè, kien jaħdem mill-istess uffiċċju ta' ibnu u li f'ħidmiethom kienu jikkorraboraw flimkien għax it-tali pjanta kien fiha biċċa xogħol eżorbitanti. Il-pjanta ta' xogħol grandjuż u elaborat bħalma hi l-knisja Ta' Pinu, m'hijiex biss dawk il-ħafna sinjali fuq il-karta li jħejji l-perit għall-klijent tiegħu. Qabel tibda ssir il-pjanta jkun hemm il-ħtieġa ta' ħafna xogħol preparatorju fosthom studju fil-fond tal-istil arkitettoniku magħżul.

Imbagħad irid isir ħafna xogħol fuq il-post bħalma hu servej dettaljat tal-art, teħid ta' qisien u l-livelli u li jkun ittestjat il-blat. Meta jinbeda x-xogħol tal-bini,

il-perit ikun mistenni jassisti lill-bennej fit-tfassil tal-pedamenti; biċċa xogħol tassew skabruża għax altru tħożż fuq il-karta u altru f'dak il-kobor ta' art imħarbta! Wara, il-perit ikun mistenni jissorvelja x-xogħol, isolvi problemi ta' loġistika, fosthom ta' armar, jgħin fil-ħżuż, fl-ingrandamenti u mollijiet. Billi x-xogħol kien ser isir fl-aktar parti remota ta' Għawdex, ukoll it-traġitt bejn il-Belt Valletta u Ta' Pinu kien fih battikata. Kollox strapazz li jitlob stamina u enerġija, u dak iż-żmien il-Perit Andrè ġa kien għalaq is-sittin waqt li ibnu Edwin kien għadu żagħżugħ ta' xi tletin. Għalhekk, diffiċli li dak li jkun jikkalkula s-sehem (l-*input*) tal-wieħed u tal-ieħor fil-pjanta.

Irridu nżommu quddiem għajnejna li dawn iż-żewġ periti ma kenitx xi sempliċi soċjetà bejn ċertu Indrì u ċertu Dwinu, imma kienu l-missier u ibnu li b'affinità naturali kien jfittxu biss il-benessri tal-wieħed fl-ieħor. Taħsbu li l-Perit Andrè kien ser jikkoppa jekk l-unur tal-pjanta Ta' Pinu jieħdu ibnu Edwin; jew forsi ma xtaqx itiħ dik l-imbuttatura fil-karriera professjonali tiegħu?



**Il-Perit Andrè Vassallo**

Il-Perit Andrè Vassallo, bin Salvu u Katarina *nèe* Sammut, twieled Ħal Luqa fit-12 ta' Jannar 1856. Hu kellu tliet ħutu oħra: Ġużepp u Karmnu li ordnaw saċerdoti fl-1878 u fl-1886 rispettivament;[10] u Ġanni (1862-1937) li fil-5 ta' April 1914 inħatar Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex. F'Għawdex, Ġanni Vassallo kien joqgħod fi Triq il-Vajringa, ir-Rabat, f'dar, li fuq il-faċċata tagħha hemm lapida li tfakkru minħabba li kien jibbrilla fil-Lingwistika Maltija, tant li kien magħruf bħala *l-Bennej tal-Ortografija Maltija.*[11]

Andrea Vassallo beda l-karriera tiegħu bħala skultur fil-ġebel. L-ewwel ħdax-il sena tal-ħajja professjonali għamilhom fi prattika privata. Hu kien fenominu tal-arti arkitettonika li twieldet miegħu, u tgħaġnet f'demmu. Dan l-inġenju patta mhux ftit għan-nuqqas ta' preparazzjoni akkademika. Fl-1892, Andrè Vassallo kien ammess fl-*Institute of British Civil Engineers,* waqt li fl-1907 kien ukoll rikonoxxut bħala arkitett mir-*Royal Institute of British Architects.* Fis-7 ta' Novembru 1908, it-tliet membri tal-Bord tal-Eżaminaturi tal-Inġiniera u Arkitetti, b'vot sigriet, irrakkomandawh lill-Gvernatur, Sir Henry Grant (1907-1909), biex għalkemm ma kien attenda l-ebda kors fl-arkitettura, xorta jagħtih id-Diploma ta' Perit Agrimensur (*Land Surveyer*) u Arkitett, l-ekwivalenti ta' dak li llum hu l-A&CE, mingħajr il-ħtieġa li joqgħod għall-eżami.[12] Kif kien mistenni, din l-azzjoni dlonk ġabet il-kundanna ħarxa tal-*Istituto dei Periti,* biss il-Gvernatur aġixxa skont ir-rakkomandazzjoni.

Il-Perit Andrè Vassallo miet fit-28 ta' Jannar 1928.

**Il-Perit Edwin A. Vassallo, A. & C[ivil] E[ngineer]**



Il-Perit Edwin Alberto Vassallo kien bin l-Arkitett Andrè, u twieled il-Belt Valletta fl-1889. Studja fil-Kulleġġ ta' Flores u fil-Liċeo ta' Malta, u ħa l-lawrja ta' A&CE mill-Università Rjali ta' Malta fl-1914. Matul il-karriera qasira tiegħu ta' perit, huwa wettaq diversi proġetti arkitettoniċi f'Malta u Għawdex.

Fl-1920, il-Perit Edwin A. Vassallo ngħaqad mal-Partit Kostituzzjonali li kien għadu qed jifforma. Miegħu kkontesta b'suċċess diversi elezzjonijiet. Kien elett fl-1921, fl-1924, fl-1927 u fl-1932; dejjem mis-Seba' Distrett. Bejn Awwissu 1927 u Marzu 1932, serva bħala Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi.[13] Bħala Ministru kien ġie mfaħħar għall-indipendenza u l-ħaqq li wera. Bħala politiku hu kien wieħed mill-ewlenin li taw ruħhom biex jitqabdu kontra d-dħul tat-Taljan f'Malta, dakinhar fortizza tal-Imperu Ingliż. Iżda minbarra l-politika, ħadem qatigħ biex ikabbar il-ġurnaliżmu f'Malta. Kien kittieb tajjeb tal-Malti; fl-1932 ippubblika l-bijografija ta' Lord Gerald Strickland (1861-1940). Mill-1922 sal-1927 kien editur tal-ġurnal bil-Malti *Il-Progress* u *Manager* tal-*Progress Printing Press,* li f'Lulju 1939 kienet inkorporata mal-*Allied Malta Newspaper Limited.*

Fil-ħajja pubblika, il-Perit Edwin A. Vassallo kien meqjum bħala bniedem mingħajr biża' u dejjem dritt; ħabib sinċier ta' dawk kollha li kienu jafdaw fih. Min-naħa l-oħra, fil-ħajja privata, kien meqjus bħala raġel ta' xeħta kwieta u mogħti għall-familja tiegħu.

L-Onor. Edwin A. Vassallo miet fis-*Central View Cottage,* Ħ'Attard, nhar it-22 ta' Novembru 1941, fl-età ta' 52 sena, mibki minn martu Mary imwielda Agius, uliedu Wilfred u Miriam, u oħtu, il-Kontessa Montezemolo, fl-Italja.[14]



**Il-bini tal-knisja u l-bennej Vitor Vella**

"Il-bini ta' din il-knisja ġie mħolli f'idejn l-imgħallem Vitor Vella li hu tassew bniedem ta' ħila kbira u rridu ngħidu li għas-sengħa ħadd ma jiksru".[15] "Ix-xogħol tal-bini sar fuq pjanta tal-bravu Perit Andrè Vassallo, mill-bennej Vitor Vella, bniedem li wera ħila u dehen kbir, rieda tassew tajba u li kompla x-xogħol kollu sal-aħħar bl-akbar skruplu".[16] *L-Għawdxin* tant kienu efforiċi li fl-aħħar kien ser jibda x-xogħol tal-bini tal-knisja, li *Id-Devot* ta' April 1919, saħansitra jgħidilna li: "Ix-xogħol għandu jibda mill-aktar fis u xejn ma jaqta', b'mod illi **ġewwa tliet snin ikollna x-xorti narawha lesta**". Li kieku ġara tassew hekk, f'Ta' Pinu kien ikun seħħ miraklu ieħor! Fil-fatt il-knisja damet tinbena eżattament 17-il sena: l-ewwel ġebla tal-pedamenti tqiegħdet fit-8 ta' Mejju 1919, waqt li l-aħħar

ġebla tal-kampnar tpoġġiet fit-8 ta' Mejju 1936. Għall-proġett ta' dak il-kobor, 17-il sena ma kienx xi żmien esaġerat, l-aktar meta wieħed jikkunsidra li l-effetti tal-mekkanizzazzjoni f'Għawdex bilkemm kien għadhom bdew jinħassu. Kollox kien għadu jsir manwali.

"Nieħdu gost inħabbru li x-xogħol tal-Knisja Ta' Pinu ġa beda. Qegħdin iħaffru l-pedamenti u l-bini jibda malajr, tant, li kif naħsbu, ma ddumx ma ssir il-funzjoni sabiħa tal-Ewwel ġebla".[17] Infatti l-iskavar tal-pedamenti beda fis-6 ta' April 1919 waqt li xahar wara, fit-8 ta' Mejju, il-bennej Vitor Vella qiegħed l-ewwel ġebla tal-pedamenti. L-Ewwel Ġebla tal-Knisja tqiegħdet mill-Isqof Gio Maria Camilleri nhar it-30 ta' Mejju 1920.[18]

Il-Perit Edwin A. Vassallo "mexxa x-xogħol tal-pedamenti tagħha sal-qatran u sa ftit aktar il-fuq".[19] Dan il-perit żagħżugħ kien professjonista bravu u bi prospetti sbieħ, imma sfortunatament, b'ħasra għall-arkitettura f'pajjiżna, iddeċieda li jidħol fid-dinja politika u fil-ġurnaliżmu stampat. Jista' jkun ukoll li żarma wara biss sitt xhur – April-Settembru 1919 – minħabba kwistjoni ta' ħlasijiet kif naraw fid-dettall iżjed 'il quddiem. Billi l-liġi kienet titlob li f'kull stadju tal-kostruzzjoni jkun hemm perit responsabbli mill-proġett, biex jaderixxu ruħhom mal-Liġi, minfloku tqabbad il-Perit Arturo Bondì (1866-1952), mir-Rabat. Il-Perit Bondì assuma d-direzzjoni tax-xogħol f'Ta' Pinu sa mit-2 ta' Ottubru 1919 u rrinunzja għaliha b'dikjarazzjoni oħra datata 2 ta' Mejju 1921.[20]

Wara dak, id-direzzjoni kienet offruta lill-perit Malti ta' ħila kbira, Andrè Vassallo, li assuma r-responsabbiltà b'dikjarazzjoni datata 19 ta' Mejju 1921. Dan kien possibbli għax kien appena spiċċa bil-pensjoni minn mas-Servizz Pubbliku. Il-Perit Andrè Vassallo dam fid-direzzjoni tax-xogħol sakemm miet fit-28 ta' Jannar 1928. Sadattant il-knisja kienet waslet għall-koppla. Il-kronista Għawdxi, Koli Apap (1921-1989), ħabib tagħna ħafna, jgħid li: "Allura l-Isqof Gonzi talab lill-Perit Edwin A. Vassallo **biex jarġa' jieħu x-xogħol f'idejh**. Iżda dan, billi f'dak iż-żmien kien Ministru tax-Xogħlijiet, ma satax jilqa' x-xewqa ta' Mons. Isqof".[21]

Il-Perit Edwin A. Vassallo kien Membru Parlamentari Stricklandjan, popolarment ikkunsidrat bħala *star candidate* u *flagship* tal-partit. Dik il-ħabta l-pajjiż kien għadu ħiereġ minn Elezzjoni taħraq ħafna fejn ir-relazzjonijiet ta' bejn il-Partit Kostituzzjonali u l-Knisja Maltija kienu fl-agħarr livelli tagħhom. Fl-elezzjoni tas-7, 8, u 9 ta' Awwissu 1927, minn Għawdex, Strickland kien irnexxielu jirbaħ żewġ siġġijiet minn erbgħa. Herbert Ganado jgħid li: "Parti ġmielha tal-kleru fl-elezzjoni tal-1927, speċjalment f'Għawdex, uriet wisq biċ-ċar, u kultant bis-saħna, kif taħsibha. U dan kompla dardar l-ilma bejn il-kleru u l-Partit Stricklandjan, għad li dan kellu wkoll xi patrijiet u qassisin li kienu fil-beraħ miegħu. Dan kollu għamel il-ħsara".[22] Jekk din l-asserzjoni hija veritiera, it-tali stedina min-naħa tal-Isqof Gonzi, kienet tabilħaqq att sabiħ ta' rikonċiljazzjoni! Dan kollu qed ngħiduh biex il-qarrej ikun jista' jinkwadra ż-żmien li fih inbniet il-Knisja Ta' Pinu fil-prospettiva ambjentali tal-epoka u storika tagħha.

Intant, ikompli jgħidilna, is-Sur Koli Apap, li x-xogħol allura tkompla taħt it-tmexxija tal-Perit Godwin Galizia. Mid-dehra, però, Galizja lanqas tant saddad għax minn dokument anness mal-permess tal-bini, insibu li fil-11 ta' April 1931, id-direzzjoni tax-xogħol f'Ta' Pinu assumiha l-perit Għawdxi, Carmelo Attard (...-1972) li jidher li baqa' sal-aħħar.





**Nuqqas ta' qbil dwar l-onorarju tal-perit**

Qawl Malti antik jgħid li: "Waqt il-ħlas jiġi l-qmas". Naturalment din mhix xi ħaġa ġenerali. Allaħares, imma fil-każ tal-knisja Ta' Pinu hekk kien. Ta' ħidmietu, jiġifieri tad-diversi pjanti, disinni, impressjonijiet artistiċi u *cross sections* li jiddimostraw fid-dettall il-proġett tal-knisja minn barra u ġewwa, u rapport/studju dwar l-istorja tal-istil *Romanico-Lombardo* – sbatax-il biċċa b'kollox, il-Perit Edwin A. Vassallo jingħad li talab ħlas ta' £500. Meta nafu li fil-bidu l-bennej Vitor Vella kellu biss 4 xelini kuljum, jiġi li l-perit kien qed jitlob l-ekwivalenti ta' 2,500 jum xogħol tal-bennej; jew kwazi seba' snin xogħol kontinwu! Anki jekk ma tkunx tifhem, il-matematika weħidha wkoll tikxef l-esaġerazzjoni fil-prezz mitlub mill-perit! Proverbju Taljan jgħid li: *"Matematica non ha trucci, ho tecnica"*.

Meta wara s-Sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima, kien deċiż li tinbena l-knisja l-ġdida, l-Isqof Djoċesan, Mons. Gio Maria Camilleri nnomina Kumitat *ad hoc* biex jieħu ħsieb il-loġistika u jmexxi x-xogħol 'il quddiem. Dan il-kumitat kien kompost minn Dun Salv Portelli (1864-1937), Kappillan ta' San Lawrenz, bin il-mejjet Wiġi, imwieled l-Għarb u joqgħod San Lawrenz, u l-benestant Luigi Bondì (1855-1928), Perit Agrimensur, bin il-mejjet Dr Luigi, M.D., imwieled u joqgħod il-Belt Victoria. Fi ftit taż-żmien issieħeb magħhom ukoll Dun Ġużepp Portelli, ħu Dun Salv, li fl-1 ta' Frar 1916 kien maħtur Viċi-Rettur tal-Knisja Ta' Pinu. Meta ffaċċjati bit-talba għall-ħlas mill-Perit Edwin Vassallo, billi rawha għolja wisq, ta' għaqlin li kienu, talbu laqgħa mal-perit biex jippruvaw jaslu f'xi xorta ta' kompromess.



Bħal dejjem, fejn ikun hemm rieda tajba, u nies li jirraġunaw, il-kumitat u l-Perit Edwin A. Vassallo, nhar it-3 ta' Jannar 1920, permezz ta' skrittura privata, ftehmu

li jaħtru kummissjoni komposta minn żewġ periti, magħżula wieħed minn kull naħa biex bejniethom jaslu f'arranġament ġust għall-onorarju mitlub. L-għażla tal-membri tal-Kumitat waqgħet fuq il-Perit Annibale Lupi, waqt li l-Perit Edwin Vassallo għażel lill-Perit Rinaldo Soler. Fost diversi klawsoli intelliġenti oħra, il-partijiet ftehmu li l-periti magħżula kellhom joħorġu rapport wieħed konġunt, u li dan ikun inappellabbli. Kull parti kellha tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-perit magħżul minnha.



B'tifkira għażiża
**ta-DUN SALV PORTELLI Kan. On.**
għall-44 sena Kappillan
tal-Paroċċa ta' S. Lawrenz (Għawdex)
qassis ta' ħila kbira ta' tieba akbar
għaraf jgħix ħajja moħbija f'Alla
mifruda għal kollox mid-dinja
jaqdi bl-akbar reqqa missjoni ta' fejda
ta' ġid għar-rabat għall-Knisja għall-poplu
mixgħul bl-imħabba lejn l-Ostja Mqaddsa
f'riġlejn it-Tabernaklu
dejjem sab faraġ fin-niket
għajnuna ħila fit-toqol tal-ministeru
bil-kliem bl-għamil b'ħajja ta' qdusija
xerred dejjem il-fwieħa ta' Kristu
kabbar is-saltna tiegħu fl-erwieħ
wisq magħġub mis-sema
ħtiegħu jġarrab il-qilla ta' marda twila
biex mifdi mid-dejn bħala bniedem
jitħejja għall-premju ta' dejjem
Miet fil-5 ta' Nov. 1937 ta' 73 sena
mibki mill poplu kollu
imdawwar minn-niesu minn ħutu
fosthom erba' qassisin
Sarulu funerali minn l-aqwa
xhieda ta' qima kbira.

Photo "Farrugia" – Go[illegible]


24
1919
Io sottoscritto dichiaro di aver assunto la responsabilità e la direzione dell' [illegible] del Santuario Ta Pinu, ai termini dell' [illegible] 16. dell' Art 99. della Legge di Polizia come emendata dall' Ord XI del 1919.
Gozo, 2 Ottobre 1920
[illegible]


19th May 1921.
I do hereby declare that I assumed the direction and responsibility of the works referred to in Building Notice # 24 of 1919, from the 16th April 1919 in terms of sub-clause 4 of art. 99 of the Laws as amended by Ordinance XV of 1919.
[illegible]

Iż-żewġ periti arbitri magħżula biex jistabbilixxu l-onorarju tal-Perit Edwin A. Vassallo, lestew ir-rapport tagħhom fis-7 ta' Frar 1920. Huwa rapport elaborat, inekwivoku, ċar u mingħajr ħafna teknikalitajiet żejda. Minkejja l-*bias* individwali tagħhom it-tnejn, il-periti Lupi u Soler urew maturità, imparzjalità u ħila. Fl-ewwel lok jistqarru li t-terminu ta' riferenza ewlieni tagħhom kien li jiddeterminaw l-ammont dovut lill-imsemmi Sinjur Arkitett Edwin Vassallo, bħala onorarju għall-formazzjoni tal-pjanti/disinni neċessarji biex tinbena l-knisja msemmija, **u għat-traġitt tiegħu f'Għawdex inkonnessjoni r-responsabbiltà tiegħu mill-proġett.**[23]

Billi t-tariffi f'Malta li jirregolaw id-drittijiet dovuti lill-arkitetti ma kinux jikkontemplaw kumpens għall-xogħlijiet artistiċi simili għal dawk proġettati mill-Perit Edwin Vassallo, huma kkonsultaw dawk tar-*Royal Institute of British Architects*; tas-*Società degli Ingegneri e degli Architetti Italiani* li għandhom is-seda tagħhom f'Ruma, u tal-*Colleggio degli Ingegneri ed Architetti ta' Milan.*

Il-periti Annibale Lupi u Rinaldo Soler jgħidu li wara li ħadu konsiderazzjoni ta' dawn il-provvedimenti kollha, u b'dawk il-bidliet, għalihom raġjonevoli skont il-każ inkwistjoni, ikkonkludew li l-ħlas tal-Perit Edwin Vassallo kellu jkun ta' £302-10s-8d (€705.43).

Iż-żewġ arkitetti jagħlqu r-rapport tagħhom b'appell imqanqal: "Fl-aħħar nett, nissottomettu lill-partijiet, li aħna tal-opinjoni, li fl-aħjar interess tagħkom, **hu indispensabbli li l-knisja proġettata tkun mibnija taħt id-direzzjoni tal-imsemmi, is-Sinjur Edwin Vassallo.** Nitolbu skuża għal din l-osservazzjoni li hi assolutament barra mill-kompitu tagħna, imma per kuxjenza ma stajniex ma ngħiduhiex. Jekk jagħmel hekk, il-Kumitat jista' jibqa ċert li fl-intier tagħha jkollu opra esegwita skont **studji magħmula minn dak li pproġettaha**; xi ħaġa li ħaddieħor jista' jagħmel biss b'diffikultà". Il-periti Lupi u Soler itemmu r-rapport b'rakkomandazzjoni ġenwina lis-Sinjur Vassallo, li jekk kellu jieħu l-parir tagħhom ikollu s-sodisfazzjon li jkun idderieġa **opra li b'imħabba ta' artist ikun ħaseb u ħoloq** għax din taf tkun biss okkażjoni ta' darba.[24]

Il-Kumitat inkarigat mill-bini tal-knisja l-ġdida u l-Perit Edwin A. Vassallo ssiġillaw il-ftehim ta' bejniethom b'kuntratt quddiem in-Nutar Dr Giuseppe Camilleri, fl-Uffiċċju tiegħu ta' numri 33 u 34, *Strada Mercato*, il-Belt Victoria, f'kitba nutarili datata 7 ta' Ġunju 1920. Għall-Kumitat dehru l-ġa msemmija Dun Salv Portelli u Luigi Bondì, waqt li għall-Perit Vassallo deher zijuh, is-Sur Giovanni Vassallo, Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex, bin il-mejjet Salvatore, imwieled Ħal Luqa, u residenti l-Belt Victoria, Għawdex, *in virtù* ta' kirografu sottoskritt mill-Perit Edwin A. Vassallo P[erito] A[rchitetto] A[grimensore] u datat 31 ta' Mejju 1920. Din l-Iskrittura Privata kienet tawtorizza lis-Sur Giovanni Vassallo li jirċievi l-ħlas likwidat miż-żewġ arbitri, il-Periti Lupi u Soler, liema ħlas kien sodisfatt *in totum* mill-Kumitat fuq il-kuntratt.[25]

**Konklużjoni**

Mela, il-pjanta tal-Knisja Ta' Pinu għalqet mitt sena. Fi żmien relattivament qasir, din immaterjalizzat ruħha fl-isbaħ opra arkitettonika ta' kull żmien fil-gżejjer Maltin. "Il-bini tal-Knisja l-ġdida ġie grandjożament merfugħ mill-art u artistikament din il-Knisja hija l-ġojjell prezzjużissimu taż-żewġ gżejjer, li jidhru bħal miżrugħin fil-baħar qishom il-gawhriet mediterranji tar-Reliġjon ta' Kristu Ġesù, ippritkata lilhom mill-Appostlu tal-Ġnus".[26]

L-istil eleganti tagħha; ix-xogħol impekkabbli li bih inbniet; l-arti rikka li biha hija mżejna; il-lok kampanjol li fih tinsab – xeneġġjatura tal-kartolini kull ħin mibdula skont newbet iż-żmien; imma fuq kollox l-intervent sopranaturali li hemm implikat magħha, jirrendu 'l Bażilika Ta' Pinu teżor sentimentali u għażiż li qatt ma jitbiel. Kif iduru l-gżejjer tagħna ma hemm ebda lok ieħor li jitkellem hekk ċar, u b'vuċi sħiħa minn Marija bħalma jitkellem is-Santwarju Ta' Pinu għax kienet hi stess li għażlitu. U meta nbniet din il-knisja ma nbnietx fejn urew il-kapriċċi tal-bnedmin, imma fejn għażlet Marija stess.

L-isqfijiet Djoċesani, Camilleri u Gonzi; il-Periti Andrè u ibnu Edwin A. Vassallo; il-bennej Vitor Vella; ir-Rettur Dun Ġużepp Portelli; u l-ġenerożità tal-popli fiż-żewġ gżejjer, ma kinxu ħlief strumenti f'idejn Alla li permezz

tagħhom ried iħassel l-isbaħ għamara fejn tiġi tgħammar Ommu, u fejn aħna, uliedha, inkunu nistgħu nilqgħu l-istedina tagħha ta' "Ejja, ejja". Din l-istedina Marija ma riditx tagħmilha biss lix-xbejba Karmena Grima weħidha, imma magħha lilna lkoll.

Fl-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Ta' Pinu, nhar it-13 ta' Diċembru 1931, li ħabtet mat-tifkira tal-Ħmistax-il Ċentinarju mill-Konċilju Ekumeniku ta' Efisu, f'diskors tal-okkażjoni, ir-Rettur Dun Ġużepp Portelli, fost l-oħrajn, qal: "Nifirħu lkoll kemm aħna, għandna wisq raġun; 'ilgħaliex din hi opra kollha kemm hi tagħna u tagħna lkoll. U dan riedet Marija li jkun is-santwarju tagħha Ta' Pinu, li jkun ta' kulħadd. 'Ilgħaliex is-sejħa li għamlet hi sejħa ta' omm, u Marija hi omm ta' kulħadd, u 'l hawn sejħet lil kulħadd, u minn hawn trid tferraq il-grazzji tagħha ma' kulħadd: u għalhekk għamlet b'mod li dan is-santwarju ġdid ikun ukoll opra ta' kulħadd biex ikun veru opra nazzjonali.

†

Mons. GUZEPPI PORTELLI
KAN. ONOR. TAL-KATTIDRAL T'GHAWDEX
MISSJUNARJU HABRIEKI, QASSIS HADDIEMI
RETTUR TAL-BAŻILIKA "TA' PINU"
MINN FEJN IL-MADONNA SEJHITLU
BIEX TAGHTIH HLAS TAJJEB
TALLI B'HERQA U B'GHOŻŻA
EXXELJA ŻEJJEN U RIFFA GHAL 33 SENA
IS-SANTWARJU TAGHHA
WARA MARDA QASIRA
MIMLI BID-GHOMOR U B'OPRI TAJBA
IMWETTAQ BIS-SAGRAMENTI MQADDSA
ITTAJJAR GHAS-SEMA
FIS-7 TA' MARZU, 1949
MIBKI IMMA MINSI QATT
MINN HUTU, NIESU U HBIEBU
LI FIH KIENU JGHOŻŻU
IL-VIRTUJIET SBIEH LI KELLU

R. I. P.



Ġesù, Marija, Ġużeppi. (Ind. 7 snin)
Ġesù ħanin agħtih il-mistrieħ ta' dejjem. (Ind. 300 jum)

Ftit wara li nbdiet id-devozzjoni f'dan is-santwarju kien hemm min ried li din il-knisja jibnilha waħdu, spejjeż tiegħu biss; kien hemm min ried jindaħal iħallas nofsha; oħrajn li wiegħdu somom kbar. Iżda Marija mhux hekk riedet. Stenniet lil dawn kollha, wieħed wara l-ieħor imutu, qabel ċediet biex tiġi lilha mibnija; 'ilgħaliex riedet li l-knisja li kellha tinbena tkun frott tal-għaraq ta' kulħadd, u hekk fiha kulħadd ikollu sehem, mhux dan jew dak il-bniedem, imma kulħadd, għonja u foqra; lanqas dan jew dak ir-raħal, imma kollha kemm huma l-irħula ta' Għawdex; u mhux biss aħna l-Għawdxin, imma ħutna l-Maltin ukoll; riditu l-veru santwarju nazzjonali".

Hekk riditu l-Madonna, u hekk sar. U issa wkoll bid-dikjarar. Nhar is-27 ta' Mejju 2015, l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, President tal-Konferenza Episkopali Maltija, f'Ta' Pinu, fil-preżenza ta' Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof Metropolita ta' Malta, waqt l-ewwel żjara uffiċjali tiegħu fostna, ħabbar: **"F'att solenni tagħha l-Konferenza Episkopali Maltija tħabbar li s-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu f'Għawdex u dak tal-Madonna tal-Mellieħa f'Malta, huma ż-żewġ Santwarji Nazzjonali ta' pajjiżna".**

## Riferenzi u Noti

1: *Id-Devot ta' Maria*, April 1919, p. 25.

*Nota:* Nhar is-17 ta' Mejju 1912, l-Arċisqof Pietru Pace ħatar kumitat esekuttiv biex jorganizza l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kellu jsir f'Malta f'April 1913. Wieħed mill-membri magħżula kien appuntu l-Perit André Vassallo li wkoll ippresida s-sotto-kumitat tat-tiżjin tat-toroq. Nhar it-3 ta' Ottubru 1912, Vassallo ppreżenta d-disinni tiegħu lill-membri tal-Kumitat Ċentrali li baqgħu wisq mistagħġba bl-ammont tal-ideat oriġinali tiegħu.

2: *Id-Devot ta' Maria*, Mejju 1919, p. 33.

3: [K. Apap], *Il-Kampnar tal-Knisja Ta' Pinu*, f'*Il Berka* [05 Set 1934] 7.

*Nota:* Fir-Reġistri tal-Ħruġ tal-Knisja Ta' Pinu, minkejja li ma jingħadx ta' xiex, niltaqgħu wkoll ma' ħlasijiet lill-Perit Edwin Vassallo.

4: P. Cauchi, *Storja tal-Madonna "Ta' Pinu" bl-Innu Tagħha*, Malta 1935, p. 10.

5: N. Ġ. Cauchi, *Is-Santwarju "Ta' Pinu" Ċentru ta' Pellegrinaġġi*, Malta 1983, p. 45.

6: V. Vella Muscat, *Vitor Vella – Ħajtu u Ħidmietu – L-imgħallem bennej tas-Santwarju Ta' Pinu*, Malta 2009, p. 79.

7: M. Buhagiar, *The Romantic movement of the 19th and 20th Centuries*, f'*Heritage – an encyclopedia of Maltese culture and civilization*, no. 78, p. 1545; *The Romantic Architecture of the Late 19th and Early 20th Centuries*, fis-*Sunday Times* [02 Aug 1981].

8: L. Mahoney, *Architect Andrea Vassallo (1908-1928)*, f'*Melita Historica*, Vol X, no. 3, p. 229.

9: Il-Perit Edwin kien jiffirma 'Edwin **A.** Vassallo', waqt li bi żball, fl-istampa, ġieli kien iċċitat bħala 'Edwin **P.** Vassallo'. Eżempju klassiku, bil-kemm jitwemmen, huwa li fil-ktieb *'Strickland'* (Malta 1932), miktub minnu stess, ismu jidher bil-'P' u mhux bl-'A'! Fil-fatt, l-'A', l-inizzjali għat-tieni isem, hi għal 'Alberto' – Edwin Alberto Vassallo.

10: J. Calleja, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000*, Malta 2001, pp. 31 u 33.

11: Min jinteressah li jkun jaf aktar dwar dan il-Ligwista Malti huwa mistieden jara: Ġ. Cefai, *Ġanni Vassallo (1862-1937) – Għeluq sentejn minn mewtu*, f'*Il Berka* [26 Mej 1939] 10.

12: F. Mangion, *Andrea Vassallo: the self-made brilliant architect*, f'*The Sunday Times of Malta* [20 Jan 2019] 56-57.

13: M. J. Schiavone, *L-Elezzjonijiet f'Malta 1849-1981*, Malta 1987; R. Sacco, *L-Elezzjonijiet Ġenerali 1849-1986*, Malta 1986.

14: *Il-Berqa* [24 Nov 1941] 3. Bi żball, din il-ħarġa hija datata 24 fuq barra, u 23 fuq ġewwa; M. J. Schiavone, *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol. II [G-Z], Malta 2009, p. 1565.

15: *Id-Devot ta' Maria*, April 1919, p. 17.

16: F. Borg, *Tifkira ta' għeluq il-75 sena ta' meta Sidtna Marija "Ta' Pinu" kellmet lil Karmni Grima. 1883 – 22 ta' Ġunju – 1958*, Malta 1958, p. 12.

17: *Id-Devot ta' Maria*, Mejju 1919, p. 33.

18: V. Vella Muscat, *Vitor Vella – Ħajtu u Ħidmietu*, op. cit., pp. 79 u 81.

19: [K. Apap], *Il-Kampnar tal-Knisja Ta' Pinu*, f'*Il Berka* [05 Set 1934] 7.

20: NAG, MH, 01/33 [1917-1919]; ara applikazzjoni 24/1919.

21: [K. Apap], *Il-Kampnar tal-Knisja Ta' Pinu*, f'*Il Berka* [05 Set 1934] 7.

22: H. Ganado, *Rajt malta Tinbidel* (It-tielet edizzjoni – Malta 1977), p. 370.

23: Fl-oriġinal jinqara hekk: *"In disimpegno dell'onorevole incarico commessoci, per scrittura privata, dal Molto Rev[do] Parroco Don Salvatore Portelli, Molto Sac[te] Don Giuseppe Portelli e benestante Signor Luigi Bondì, quali membri del Comitato nominato da Sua Eccellenza Rev[ma] Monsignor Vescovo del Gozo per dirigere l'erezione della nuova Chiesa Ta' Pinu, e dal Signor Architetto Edwin Vassallo, quello cioè di determinare lo ammonto dovuto al predetto Signor Vassallo, come onorario per la formazione dei disegni necessari per potersi procedere alla costruzione della Chiesa suddetta e per le sue attendenze in Gozo in relazione a tale incombenza ..."*

24: Fl-oriġinal jinqara hekk: *"Infine osiamo sottomettere alle parti che noi opiniamo che nel loro interesse è indispensabile che la progettata Chiesa venga eretta sotto la direzione del predetto Signor Edwin Vassallo.*

*Noi chiediamo venia per tale nostra osservazione, che è assolutamente estranea al compito nostro, ma non possiamo in coscienza non rilevare ciò, perchè cosi facendo il Comitato sarà certo di avere un'opera eseguita in tutte le sue parti giusta gli studi fatti dal progettista, ciocchè altri con difficoltà potrà fare; ed il predetto Signor Vassallo avrà la soddisfazione di avere diretto un'opera da lui con amore di artista studiata e concepita e pari alla quale forse non avrà occasione di farne un'altra".*

25: ANGħ, Dr Giuseppe Camilleri [07 Giu 1920], 150/1920, pp. 899-913.

26: G. P. Briffa Brincat, *Is-Santwarju Ta' Pinu xhieda l-Assunzjoni tal-Madonna*, f'*Leħen is-Sewwa* [01 Nov 1950] 7.